MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 5/2005

**Joan Zammit**

**vs**

**S. Borg & Sons Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Marzu, 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"1. Introduzzjoni

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fil-5 ta' Ottubru 2004 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellanta Ms Joan Zammit kienet assistita mill-Avv Dr Norma Vella LL.D. u s-socjeta intimata kienet rapprezentata mis-Sur Colin Mifsud, Supermarket Manager assistit mill-Avv Dr Aron Mifsud Bonnici LL.D.

It-Tribunal zamm erba’ (4) seduti.

2. Xhieda

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| L-appellanta | Joan Zammit |
| Colin Mifsud | Supermarket Manager |
| Christine Farrugia | Segretarja |
| Erika Vella | Eks-impjegata |

3. Dokumenti

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

4. L-Istorja

L-appellanta Ms Joan Zammit kienet giet impjegata bhala kaxxiera mas-socjeta S. Borg & Sons Ltd fl-20.10.03 u tterminat l-impieg taghha minn jedda dikjarata (Resigned) mis-socjeta. Hadmet in-*notice period* u thallset ta’ kollox, stante li fil-fehma tas-socjeta l-appellanta ma gietx imkeccija u ghalhekk il-kaz taghha ma kienx sindakabbli mit-Tribunal Industrijali peress li kienet irrizenjat minn jedda.

Skond l-appellanta meta kellimha l-Manager is-Sur Colin Mifsud is-socjeta ma setghetx toqghod tistenniha tiddeciedi jekk kinitx sejra ssib xoghol iehor, wara li dan kien sar jaf li kienet qeghda tipprova ssib xoghol ahjar.

Skond l-appellanta d-diskors tas-Sur Mifsud ma hallielha l-ebda alternattiva ghajr li tittermina l-impieg taghha minn mas-socjeta.

5. Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal Industrijali kellu l-inkarigu li jikkunsidra u jiddeciedi jekk il-kaz kienx wiehed ta' rizenja tenut kont il-fatti u c-cirkostanzi kollha. Ma hemm l-ebda dubju li s-Sur Mifsud kellem lill-appellanta dwar l-intenzjonijiet taghha jekk kinitx bi hsieba ssib xoghol iehor. Ma jezisti l-anqas id-dubju li l-Manager kien preokkupat bis-sitwazzjoni dejjem naturalment fl-isfond li ma riedx isib ruhu zvantaggat fl-operat tieghu li jkollu l-kaxxiera necessarji fil-*Park Towers Supermarket* fejn kienet impjegata l-appellanta bhala kaxxiera.

Skond is-Sur Colin Mifsud ma kellu l-ebda intenzjoni li jitterminalha l-impieg, anzi stqarr li kien sodisfatt bix-xoghol taghha izda ried biss jispjegalha l-pozizzjoni ta' l-impieg taghha fl-isfond li kien qieghed jara incertezza jekk l-appellanta riditx tkompli tahdem mas-socjeta.

It-Tribunal Industrijali sema' u nnota d-deskrizzjoni tad-diskursata bejn Mifsud u l-appellanta fejn jidher li l-Manager fid-diskors xebbah l-andament ta' l-impjegata ma' dak ta' bejn il-mizzewgin meta tintilef il-fiducja.

Jidher li dan id-diskors infelici wassal lill-appellanta li tiddeduci, tajjeb jew hazin, li ma kienx hemm post ghalija mas-socjeta, u dan sostniet ghas-semplici raguni li kienet qeghda tipprova ssib xoghol ahjar, xi haga li kellha dritt ghalih u kwindi kkontendiet li kellha tispicca mix-xoghol, izda sostniet li hi ma kinitx irrizenjat.

Ghalkemm kollox huwa possibbli t-Tribunal ma jahsibx li d-diskorsata li l-Manager, is-Sur Colin Mifsud kellu ma' l-appellanta kienet intenzjonata li taghmel pressjoni fuq l-appellanta biex titlaq l-impieg, izda alavolja seta' ma kienx hemm malintent, it-Tribunal huwa sodisfatt li d-diskursata kellha l-istess effett fejn irrendiet lill-appellanta tiddeciedi li tittermina l-impieg taghha.

It-Tribunal Industrijali nnota wkoll li skond is-socjeta r-rizenja ta' l-appellanta ma setghetx tigi kkunsidrata bhala "Constructive Dismissal" ghas-semplici raguni li din ma

hijiex ammessa fil-Ligi Maltija u fit-tieni lok ghax anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument it-Tribunal kellu jikkunsidra bhala “Constructive Dismissal” qatt ma kienet l-intenzjoni tas-socjeta li tghamel hekk, dejjem skond ix-xhieda tal-Manager Colin Mifsud.

It-Tribunal Industrijali jasal biex jifhem li i-intenzjoni semmaj ma kinitx li l-appellanta titkecca, izda r-rizultat tad-diskors tas-Sur Mifsud irrenda l-pozizzjoni ta’ l-appellanta kompromessa u wassalha biex tahdem in-*notice period* u tittermina l-impjieg mas-socjeta.

It-Tribunal huwa sodisfatt li ghalkemm l-appellanta hadet hija stess it-*Termination Form* lill-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig bl-ebda mod ma tista’ tigi interpretata li kienet accettat li tterminat l-impieg taghha bhala rizenja.

Tutto sommato, t-Tribunal Industrijali jrid jesigi li l-kunsiderazzjonijiet tieghu jridu jkunu, tenut kont il-fatti u c-cirkostanzi kollha, jaqblu mal-kriterju stipulat fil-Ligi jassigura li d-decizjoni tieghu tkun iggwidata mill-gustizzja naturali.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema’ u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet isib, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq, li tenut kont il-fatti u c-cirkostanzi kollha t-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-appellanta Joan Zammit ma tistax tigi meqjusa bhala “Rizenja” volontarja fis-sens veru taghha u ghalhekk it-terminazzjoni ta’ l-impieg taghha ma jistax jitqies bhala rizenja u kwindi tammonta ghall-terminazzjoni ta’ l-impieg ingust.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellanta ghandha tinghata kumpens mis-Socjeta S. Borg & Sons fis-somma ta’ disa’ mitt Liri Maltin (Lm900) sa mhux aktar tard minn tletin jum mid-data ta’ din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta’ drittijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta’ erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B’ hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Din is-sentenza qed tigi kontestata mis-socjeta` rikorrenti in bazi ghal dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal Industrijali applika hazin il-ligi dwar it-terminazzjoni ta’ l-impjieg meta ddecieda li t-tmiem ta’ l-impjieg ma jistax jitqies bhala rizenja izda terminazzjoni ta’ impjieg ingust. F’ dan il-kuntest tissotometti illi l-ligi Maltija ma pprovdietx ghal “constructive dismissal”;

F’ kull kaz it-Tribunal applika hazin il-principju tal-“constructive dismissal”. Dan ghaliex, skond is-socjeta` appellanti, il-komportament wara l-ilment irid necessarjament jikkostitwixxi ksur ta’ kundizzjoni prezenti fil-kuntratt tax-xoghol, jew ksur ta’ xi dmir importanti da parti tal-principal;

(2) Ma kienx hemm tkeccija ngusta ai termini tal-Kapitolu 452. Fil-fehma tas-socjeta` appellanti il-kuntratt tax-xoghol ta’ l-appellata kellu terminazzjoni naturali kif prevvist mil-ligi meta impjegat jaghzel li jispicca mix-xoghol;

(3) Il-kumpens moghti mit-Tribunal huwa wiehed ferm eccessiv, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Fermi dawn l-aggravji, hi disposizzjoni esplicita ta’ l-Att XXII ta’ l-2002 illi ma hemmx appell mid-decizjoni tat-Tribunal hlief fuq “punt ta’ ligi” [Artikolu 82 (3), Kapitolu 452], u allura, anke fl-assenza ta’ pregudizzjali sollevata mill-kontroparti, din il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt izda li tiddikjara *ex officio* l-inappellabilita` tad-decizjoni meta jkun il-kaz (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 40**). Li jfisser illi meta l-Qorti ma ssibx li jezisti tali punt ta’ ligi ma jkunx

hemm lok li jigu ezaminati kwestjonijiet ta' fatt billi fuq apprezzament ta' fatti d-decizjoni tat-Tribunal hija nsindikabbli;

Precizata din l-introduzzjoni, is-socjeta` appellanti qed tikkontendi bl-ewwel aggravju illi t-Tribunal mhux biss applika ghal kaz kuncett aljen ghal-ligi Maltija izda enuncja skorrettement dan l-istess kuncett u ghadda biex iddetermina l-kwestjoni ta' fatt in bazi ghal dik l-enuncjazzjoni zbaljata tieghu. Kif impostat l-aggravju, dan jikkontjeni sostanzjalment kwestjoni ta' dritt u dan igib li l-appell jista' jsir u l-Qorti ta' revizjoni tista' tirrevedi allura dak l-apprezzament ta' fatt maghmul in bazi ghall-allegata ipotesi skorretta tal-principju tad-dritt;

Qabel xejn, huwa utli li jigi registrat illi hu kompitu tat-Tribunal Industrijali, meta tinsorgi quddiemu kwestjoni ta' allegata tkeccija u tal-kontestazzjoni dwarha, illi dan jinvestiga, bl-adoperu tat-test objettiv, ic-cirkostanzi kollha saljenti u rilevanti, jaghmel id-debita verifika u jghaddi ghal valutazzjoni tal-fatti. F' dan l-ezercizzju hu fundamentali l-ezami bir-reqqa tal-kondotta ta' l-impjegat u ta' min ihaddem in kwantu minn dan l-istess ezami t-Tribunal ghandu jiddeduci dak il-kriterju mizuratur konducenti ghall-gudizzju ragonat u korrett. Fil-kaz kongruwu, jekk fil-kuntest li ntqalu l-kliem mix-xhud Colin Mifsud dawn kellhomx iwasslu biex l-impjegata ragonevolment tifhem illi l-presenza taghha fl-istabbiliment fejn kienet tahdem ma kienetx ghadha mixtieqa jew possibbli u li allura kien hemm dik l-kostrizzjoni tali li ggeghla ma tikkontinwax tippresta s-servizzi taghha. Certament, it-Tribunal hu ntitolat jindaga u jgharbel dak li ntqal, jinterpreta l-kliem, u jiddeciedi jekk fic-cirkostanzi kienx hemm rizenja volontarja ta' l-impjegata jew terminazzjoni reali inkombenti;

Issa hu veru li l-ligi Maltija, a kuntrarju ta' dik Ingliza, li fuqha dik taghna generalment hi mudellata, ma tikkontjenix disposizzjoni *ad hoc* dwar "constructive dismissal". Cionostante, fil-hsieb ta' din il-Qorti, anke fin-

nuqqas ta' definizzjoni aktar specifika da parti tal-legislatur Malti, ma hemm xejn x' josta lit-Tribunal milli fir-ricerka tieghu "ghar-raguni tajba u bizzjejjed" li jsemmi l-Artikolu 36 (14) ta' l-Att precitat, fil-kaz ta' licenzjament, jidhol biex jinvestiga jekk kienx hemm ksur ta' xi patt implicitu tal-kuntratt; ad ezempju, trasgressjoni tas-sostenn ta' dik il-"*mutual trust and confidence*" li ssemmi l-kazistika Ingliza (ara "**United Bank Ltd -vs- Akhtar**" (1989 u "**Bass Leisure -vs- Thomas**" (1994)) u li, del resto, hi ghab-bazi tar-rapport fiducjarju f' kull kuntratt ta' impjieg. Hu proprju dan it-telf ta' fiducja, notat ukoll mit-Tribunal fis-sentenza appellata, li nduca lill-appellata tirrifletti u tiddeduci "li ma kienx ghad hemm post ghalija mas-socjeta`";

Ghandu jinghad illi ma tezisti ebda formula sagramentali li tesprimi l-volonta` tal-licenzjament izda fil-fehma ta' din il-Qorti, minn ri-ezami attent ta' l-inkartament tal-kaz, hu manifest li l-fatti kif prezentati quddiem it-Tribunal, kellhom necessarjament ifissru illi f' dik is-sitwazzjoni c-cirkostanzi ma kienux jippermettu, jew ma kienux jawtorizzaw, lill-appellata, ghal ragunijiet ta' telf ta' fiducja fiha da parti tas-socjeta` appellanti, li tissokta fil-kontinwazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg taghha. Fuq din il-konsiderazzjoni l-Qorti ssib li t-Tribunal sewwa ivvaluta u nterpreta l-fatti u l-apprezzament tieghu, linearment ghal dawn l-istess fatti, adegwatament motivat. Lanqas ma ssib li gew mit-Tribunal adottati principji difettuzi tad-dritt ghal kaz konkret. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

Isegwi ghalhekk illi lanqas it-tieni aggravju ma jista' jigi akkolt. Dan ugwalment ghar-raguni illi l-valutazzjoni tal-fatti ma kienx jikkonduci ghas-semplici terminazzjoni "naturali", kif hekk sottomess mis-socjeta` appellanti, izda pjuttost ghal terminazzjoni li, b' riferiment ghac-cirkostanzi partikulari u l-effett ta' dik l-intensita` ta' l-element psikologiku fuq l-appellata, obbjettivament u subjettivament, ma setghetx ma tammontax ghal, jew ma titqiesx, wahda mposta, u ngustifikata. Il-kliem li ntqal kellu kontenut tali li kkomprometta dik il-fiducja necessarja ghal fini tal-permanenza tar-rapport tax-xoghol u, inoltre,

qieghed in dubju l-adempiment korrett ta' l-appellata ghal futur. Sewwa ghalhekk ikkonkluda t-Tribunal illi tenut kont tal-fatti u c-cirkostanzi kollha t-terminazzjoni ta' l-appellata ma jistax jigi kwalifikat bhal rizenja volontarja izda invece ghal terminazzjoni, li f' dawk l-istess cirkostanzi u ghab-bazi ta' dawk l-istess fatti, ma setghetx ma titqiesx ingusta;

Riferibilment ghat-tielet u l-ahhar aggravju jigi qabel xejn osservat illi l-ligi taghna ma timponi ebda limitu ta' kumpens. Toffri biss il-kriterji ta' kif ghandu jitkejjel dan il-kumpens. *Inter alia*, it-tehid in konsiderazzjoni tad-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta oltre dawk ic-cirkostanzi l-ohra bhall-eta` u s-snajja li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-impjieg ta' dak il-haddiem [Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452]. Il-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens hu mholli fl-arbitriju diskrezzjonali tat-Tribunal u sakemm din l-istess likwidazzjoni ma tinstabx li hi sproporzjonata jew irragonevoli mhux il-kaz li din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni tat-Tribunal fir-rigward. Biex jinghad kollox, is-socjeta` appellanti ma adduciet ebda "punt ta' ligi" *in subjecta materia* izda illimitat ruhha biex tafferma li l-kwantum tal-kumpens stabbilit kien ezagerat. Una volta li l-materja ma tmissx punt ta' dritt il-konkluzjoni tat-Tribunal tibqa' incensurabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------